



Brussell, 11 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11250/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0076(NLE)

CLIMA 363
ENV 737
ENER 361
IND 288
COMPET 598
MI 567
ECOFIN 727
TRANS 493
AELE 33
CH 10

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9600/22	
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom, biex jiġu emendati l-Annessi III u IV tal-Ftehim

Abbażi tal-eżitu tal-proċedura ta' silenzju informali dwar il-proposta ta' compromess tal-Presidenza għall-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill kif jinsab fl-Anness, it-test huwa kkunsidrat bħala maqbul u, wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, ser jiġi ppreżentat lill-Coreper/Kunsill għall-adozzjoni formali.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta'...

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom biex jiġu emendati l-Annessi III u IV tal-Ftehim

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom (il-"Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/219¹ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020.
- (2) Skont l-Artikolu 12(3) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' jadotta deċiżjonijiet li mad-dħul fis-seħħ tagħhom, jorbtu lill-Partijiet.
- (3) Huwa xieraq li tirrestawra l-kompatibbiltà u l-konsistenza bejn regoli tal-liġi u l-applikazzjoni prattiċi tagħhom b'fehma biex jipproteġi l-informazzjoni sensittiva, b'mod partikolari kontra divulgazzjoni mhux awtorizzata jew nuqqas ta' integrità. Sabiex tiġi żgurata konsistenza fl-applikazzjoni ta' markaturi tas-sigurtà kif jinsabu fl-Anness III u IV tal-Ftehim, jenħtieġ li dawn l-Annessi jiġu emendati f'konformità mal-Artikolu 13(2) tal-Ftehim.

¹ ĠU L 322, 7.12.2017, p. 3.

- (4) Fl-2022, waqt il-ħames laqgħa tiegħu jew aktar kmieni permezz ta' proċedura bil-miktub skont l-Artikolu 8(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Kongunt², il-Kumitat Konġunt ser jadotta id-Deċiżjoni li temenda l-Annessi III u IV tal-Ftehim.
- (5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt, peress li d-Deċiżjoni dwar l-emendi tal-Annessi III u IV tal-Ftehim ser ikunu vinkolanti għall-Unjoni.
- (6) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-ħames laqgħa tal-Kumitat Konġunt jew qabel permezz ta' proċedura bil-miktub skont l-Artikolu 8(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Kongunt³, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

² Id-Deċiżjoni Nru 1/2019 tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-Kollegament tal-Iskemi għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra tagħhom tal-25 ta' Jannar 2019 fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, disponibbli minn https://ec.europa.eu/clima/system/files/2021-07/20191201_jc_dec_rop_en.pdf u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1279 tat-18 ta' Settembru 2018, ĠU L 239, 24.9.2018, p.8.

³ Id-Deċiżjoni Nru 1/2019 tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-Kollegament tal-Iskemi għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra tagħhom tal-25 ta' Jannar 2019 fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, disponibbli minn https://ec.europa.eu/clima/system/files/2021-07/20191201_jc_dec_rop_en.pdf u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1279 tat-18 ta' Settembru 2018, ĠU L 239, 24.9.2018, p.8.